# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

20 ta' Jannar 2021*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 2 – Artikolu 9 – Kunċetti ta' 'attività ekonomika' u ta' 'persuna taxxabbli' – Tranżazzjonijiet intiżi li jieħdu minn proprjetà dħul li għandu natura permanenti – Akkwist minn kreditur ta' proprjetà immobbli maqbuda fil-kuntest ta' proċedura ta' eżekuzzjoni forzata mibdija bl-għan tal-irkupru ta' self kopert b'garanziji ipotekarji u bejgħ ta' din il-proprjetà immobbli – Sempliċi eżerċizzju tad-dritt ta' proprjetà mid-detentur tiegħu"

Fil-Kawża C-655/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Curtea de Apel Alba Iulia (il-Qorti tal-Appell ta' Alba Iulia, ir-Rumanija), permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Marzu 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta' Awwissu 2019, fil-proċedura

**Administrația Județeană a Finanțelor Publice Sibiu,**

**Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Brașov**

vs

**LN,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn L. Bay Larsen, President tal-Awla, C. Toader u N. Jääskinen (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: A. Rantos,

Reġistratur: Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal LN, minn G. Comăniță, avocat,

– għall-Gvern Rumen, minn E. Gane, A. Rotăreanu u S.-A. Purza, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Armenia u R. Lyal, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

* Lingwa tal-kawża: ir-Rumen.

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 2 u 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-VAT").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, l-Administrația Județeană a Finanțelor Publice Sibiu (AJFP Sibiu) (l-Amministrazzjoni Dipartimentali tal-Finanzi Pubbliċi ta' Sibiu, ir-Rumanija), u d-Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Brașov (DGRFP Brașov) (id-Direttorat Ġenerali Reġjonali għall-Finanzi Pubbliċi ta' Brasov, ir-Rumanija) u, min-naħa l-oħra, LN, dwar impożizzjoni addizzjonali tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT).

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 L-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT jipprovdi li l-kunsinni ta' merkanziji magħmula bi ħlas fit-territorju ta' Stat Membru minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali huma suġġetti għall-VAT.

4 L-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva jipprevedi:

"'Persuna taxxabbli' għandha tfisser kull persuna li, b'mod indipendenti, twettaq fi kwalunkwe post kwalunkwe attività ekonomika, ikun x'ikun l-iskop jew ir-riżultati ta' dik l-attività.

Kwalunkwe attività ta' produtturi, kummerċjanti jew persuni li jagħtu servizzi, inklużi attivitajiet fil-minjieri u fl-agrikoltura u attivitajiet fil-professjonijiet, għandhom jitqiesu bħala 'attività ekonomika'. L-isfruttament ta' proprjetà tanġibbli jew intanġibbli għal skopijiet ta' dħul minnha fuq bażi kontinwa għandha b'mod partikolari titqies bħala attività ekonomika."

#### *Id-dritt Rumen*

5 L-Artikolu 125a tal-Legea nr. 571/2003 privind Codul fiscal (il-Liġi Nru 571/2003 dwar il-Kodiċi tat-Taxxi) tat-22 ta' Diċembru 2003 (M. Of., Parti I, Nru 927/23 Diċembru 2003), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi tat-Taxxa"), jipprevedi:

"1. Għall-finijiet ta' dan it-titolu, il-kliem u l-espressjonijiet indikati iktar 'il quddiem għandhom it-tifsira li ġejja:

[…]

18. tikkostitwixxi 'persuna taxxabbli' fis-sens tal-Artikolu 127(1), persuna fiżika, grupp ta' persuni, istituzzjoni pubblika, persuna ġuridika, u kull entità li tista' teżerċita attività ekonomika;

[…]

20. tikkostitwixxi 'persuna mhux taxxabbli' persuna li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet meħtieġa fl-Artikolu 127(1) sabiex titqies bħala persuna taxxabbli;

21. jikkostitwixxu ‘persuna’ persuna taxxabbli, persuna ġuridika mhux taxxabbli jew persuna mhux taxxabbli;

[…]”

6 L-Artikolu 127 ta’ dan il-kodiċi huwa fformulat kif ġej:

“1. Huwa meqjus bħala persuna taxxabbli kull min, b’mod indipendenti, iwettaq fi kwalunkwe post attività ekonomika li taqa’ taħt il-paragrafu 2, ikun x’ikun l-iskop jew ir-riżultat ta’ dawn l-attivitajiet.

2. Fis-sens ta’ dan it-titolu, l-attivitajiet ekonomiċi għandhom jinkludu l-attivitajiet ta’ produttur, ta’ kummerċjant jew ta’ fornitur ta’ servizzi, inklużi l-attivitajiet fil-minjieri, fl-agrikoltura u dawk tal-professjonijiet liberali jew simili għalihom. L-użu ta’ proprjetà tanġibbli jew intanġibbli bil-għan li jinkiseb dħul minnha fuq bażi kontinwa għandu b’mod partikolari jitqies bħala attività ekonomika.

2[1]. Il-każijiet li fihom il-persuni fiżiċi li jwettqu kunsinni ta’ proprjetà immobbli jsiru persuni taxxabbli huma speċifikati permezz ta’ regolament.

[…]”

7 L-Artikolu 152 tal-imsemmi kodiċi jipprovdi:

“1. Persuna taxxabbli stabbilita fir-Rumanija li d-dħul mill-bejgħ annwali rreġistrat jew attwali tagħha huwa taħt il-limitu ta’ EUR 35 000, li l-ekwivalenti f’[f’lei Rumeni (RON)] huwa stabbilit skont ir-rata ta’ kambju kkomunikata mill-Banca Națională a României [(il-Bank Nazzjonali tar-Rumanija)] fid-data tal-adeżjoni u arrotondat għal kull elf li jmiss, tista’ tapplika l-eżenzjoni mit-taxxa, imsejħa iktar ’il quddiem l-“iskema speċjali ta’ eżenzjoni”, għat-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 126(1), bl-eċċezzjoni tal-kunsinni intra-Komunitarji ta’ mezzi tat-trasport ġodda, eżentati konformement mal-Artikolu 143(2)(b).”

2. Id-dħul mill-bejgħ li jservi bħala riferiment għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1 huwa kkostitwit mill-ammont globali, mingħajr VAT, fil-każ previst fil-paragrafi 7 u 7a, tal-kunsinna ta’ oġġetti u tal-provvisti ta’ servizzi mwettqa mill-persuna taxxabbli matul sena kalendarja, taxxabbli jew, skont il-każ, li kienu jkunu taxxabbli li kieku ma kinux twettqu minn impriża żgħira, tat-tranżazzjonijiet li jirriżultaw minn attivitajiet ekonomiċi li għalihom il-post ta’ kunsinna jew ta’ provvista jitqies li huwa barra mill-pajjiż, fil-każ li t-taxxa tkun tista’ titnaqqas, jekk dawn it-tranżazzjonijiet kienu seħħew fir-Rumanija konformement mal-Artikolu 145(2)(b), tat-tranżazzjonijiet eżentati bi dritt għal tnaqqis u ta’ dawk eżentati mingħajr dritt għal tnaqqis, previsti fl-Artikolu 141(2)(a), (b), (e) u (f) jekk dawn ma humiex aċċessorji għall-attività prinċipali, bl-eċċezzjoni tat-tranżazzjonijiet li ġejjin:

a) il-kunsinni ta’ assi fissi tanġibbli jew intanġibbli, kif iddefiniti fil-punt 3 tal-Artikolu 125a(1), imwettqa mill-persuna taxxabbli;

b) il-kunsinni intra-Komunitarji ta’ mezzi ġodda ta’ trasport, eżentati konformement mal-Artikolu 143(2)(b).

[…]

6. Persuna taxxabbli li tibbenefika mill-iskema speċjali ta’ eżenzjoni u li d-dħul mill-bejgħ tagħha, kif previst fil-paragrafu 2, huwa ogħla minn jew ekwivalenti għal-limitu għall-eżenzjoni matul sena kalendarja għandha titlob li tiġi identifikata għall-finijiet tal-VAT, konformement mal-Artikolu 153, f’terminu ta’ għaxart ijiem mid-data li fiha jintlaħaq jew jinqabeż l-imsemmi limitu. […] L-iskema speċjali ta’ eżenzjoni għandha tapplika sad-data ta’ identifikazzjoni għall-finijiet tal-VAT, konformement mal-Artikolu 153. Jekk il-persuna taxxabbli inkwistjoni ma titlobx li tiġi identifikata

jew titlob li tiġi identifikata tardivament għall-finijiet tal-VAT, l-awtoritajiet fiskali kompetenti jkollhom id-dritt li jimponu fuqha obbligi ta' ħlas tat-taxxa u obbligi anċillari għaliha, mid-data li fiha hija kellha tiġi identifikata għall-finijiet tal-VAT, konformement mal-Artikolu 153.

[…]"

8 L-Artikolu 153 tal-istess kodiċi jipprevedi:

"1. Persuna taxxabbli stabbilita fir-Rumanija, konformement mal-Artikolu 125a(2)(b) u li teżerċita jew għandha l-intenzjoni li teżerċita attività ekonomika li tinvolvi tranżazzjonijiet taxxabbli u/jew eżentati mill-VAT bi dritt għal tnaqqis għandha titlob lill-awtorità fiskali kompetenti li tiġi identifikata għall-finijiet tal-VAT, kif ġej:

[…]

b) jekk, matul sena kalendarja, hija tilħaq jew taqbeż il-limitu massimu ta' eżenzjoni previst fl-Artikolu 152(1), f'terminu ta' għaxart ijiem li jibdew jiddekorru mill-aħħar tax-xahar li fih hija tilħaq jew taqbeż dan il-limitu massimu;

[…]

6. L-awtoritajiet tat-taxxa kompetenti għandhom jipproċedu għall-identifikazzjoni tal-VAT, konformement ma' dan l-artikolu, ta' kull persuna li, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan it-titolu, hija obbligata tressaq talba għal identifikazzjoni, konformement mal-paragrafi 1, 2, 4 jew 5.

7. Meta persuna obbligata titlob li tiġi identifikata, konformement mal-paragrafi 1, 2, 4 jew 5, ma tagħmilx it-talba għal dan, l-awtoritajiet tat-taxxa kompetenti għandhom iwettqu *ex officio* l-identifikazzjoni għall-finijiet tal-VAT ta' din il-persuna.

[…]"

9 Il-punt 3 tal-Hotărârea Guvernului nr. 44/2004 pentru aprobarea Normelor metodologice de aplicare a Legii 571/2003 privind Codul fiscal (id-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 44/2004 li tapprova l-istandards metodoloġiċi ta' applikazzjoni tal-Liġi Nru 571/2003 dwar il-Kodiċi tat-Taxxa), tat-22 ta' Jannar 2004 (M. Of., Parti I, Nru 112/6 Frar 2004), fil-verżjoni tagħha applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali, jipprevedi:

"1. Fis-sens tal-Artikolu 127(2) tal-Kodiċi tat-Taxxa, l-isfruttament ta' proprjetà tanġibbli jew intanġibbli, konformement mal-prinċipju fundamentali tas-sistema tal-VAT skont liema t-taxxa għandha tkun newtrali, ikopri kull tip ta' tranżazzjonijiet, tkun xi tkun il-forma ġuridika tagħhom, kif ikkonstatat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi van Tiem, C-186/89, C-306/94, Régie dauphinoise, u C-77/01, Empresa de Desenvolvimento Mineiro SA (EDM).

2. B'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, il-persuni fiżiċi ma jeżerċitawx attività ekonomika li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-taxxa meta jiksbu dħul mill-bejgħ ta' alloġġjamenti li jappartjenu lilhom personalment jew ta' proprjetajiet oħra li huma jkunu użaw għal finijiet personali. Il-kategorija ta' beni użati għal finijiet personali tinkludi l-bini u, jekk ikun il-każ, l-art relatata miegħu, li jappartjenu personalment lil persuni fiżiċi, li ntużaw għal finijiet ta' abitazzjoni, inklużi d-djar għall-vaganzi u kull proprjetà oħra użata personalment mill-persuna fiżika kif ukoll il-proprjetà ta' kwalunkwe natura li ntirtet legalment jew akkwistata b'applikazzjoni tal-miżuri korrettivi previsti mil-liġijiet dwar ir-rikostituzzjoni tad-dritt għall-proprjetà.

3. Il-persuna fiżika li ma tkunx diġà saret persuna taxxabbli għal attività oħra twettaq attività ekonomika meta tisfrutta proprjetà tanġibbli jew intanġibbli billi taġixxi bħala tali, b'mod indipendenti, u meta l-attività inkwistjoni titwettaq bl-għan li jinkiseb dħul ta' natura permanenti, fis-sens tal-Artikolu 127(2) tal-Kodiċi tat-Taxxa.

4. Fil-każ ta' bini ta' proprjetà immobbli minn persuni fiżiċi għal finijiet ta' bejgħ, l-attività ekonomika għandha titqies li tkun bdiet fil-mument meta l-persuna inkwistjoni kellha l-intenzjoni li teżerċita tali attività, u l-intenzjoni tal-persuna inkwistjoni għandha tiġi evalwata abbażi ta' elementi oġġettivi, pereżempju l-fatt li tibda tinkorri spejjeż u/jew tagħmel investimenti preparatorji bl-għan li tibda l-attività ekonomika. L-attività ekonomika għandha titqies li hija ta' natura permanenti mill-bidu tagħha u għandha tinkludi wkoll it-trasferiment tal-proprjetà jew tal-partijiet mill-proprjetà immobbli mibnija, anki fil-każ ta' proprjetà immobbli waħda biss.

5. Fil-każ ta' akkwist ta' artijiet u/jew ta' bini mill-persuna fiżika għall-finijiet ta' bejgħ, il-kunsinna ta' dawn il-proprjetajiet hija attività ekonomika ta' natura permanenti jekk il-persuna fiżika twettaq iktar minn tranżazzjoni waħda matul sena kalendarja. Madankollu, jekk il-persuna fiżika diġà tibni proprjetà immobbli għall-finijiet ta' bejgħ, konformement mal-paragrafu 4, peress li l-attività ekonomika diġà titqies li tkun bdiet u li hija permanenti, kwalunkwe tranżazzjoni oħra mwettqa sussegwentement ma tistax titqies iktar li ssir fuq bażi okkażjonali. Għalkemm l-ewwel kunsinna hija kkunsidrata bħala okkażjonali, peress li hemm it-tieni kunsinna matul l-istess sena, l-ewwel kunsinna ma hijiex intaxxata, iżda tittieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-limitu massimu previst fl-Artikolu 152 tal-Kodiċi tat-Taxxa. Il-kunsinni ta' bini u ta' artijiet, eżentati mit-taxxa konformement mal-Artikolu 141(2)(f) tal-Kodiċi tat-Taxxa, jittieħdu inkunsiderazzjoni kemm sabiex tiġi stabbilita n-natura permanenti tal-attività ekonomika kif ukoll għall-kalkolu tal-limitu massimu ta' eżenzjoni previst fl-Artikolu 152 tal-Kodiċi tat-Taxxa."

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

10 Matul is-sena 2009, LN tat diversi self lil terz, għal ammont totali ta' EUR 80 400, flimkien ma' garanziji ipotekarji fuq diversi proprjetajiet immobbli. Peress li s-self ma setax jiġi rrimborsat, l-imsemmija proprjetajiet immobbli ġew irkantati u tlieta minnhom ġew aġġudikati lil LN.

11 Matul is-sena 2010, LN ikkonkluda żewġ kuntratti ta' bejgħ, fejn l-ewwel wieħed kien jirrigwarda wieħed mit-tliet proprjetajiet immobbli msemmija fil-punt preċedenti, u l-ieħor kien jirrigwarda art li kienet ġiet akkwistata matul is-sena 2005. Iż-żewġ immobbli l-oħra li kienu ġew aġġudikati lil LN kienu s-suġġett ta' kuntratti ta' bejgħ distinti matul is-snin 2011 u 2012.

12 Matul is-sena 2016, fl-okkażjoni ta' kontroll fiskali, ġie kkonstatat mill-AJFP Sibiu li t-tranżazzjonijiet imwettqa mis-sena 2010 kienu pproduċew, fit-30 ta' Ġunju 2010, dħul ta' ammont ta' RON 611 364 (madwar EUR 145 000), b'tali mod li dawn it-tranżazzjonijiet ġew ikklassifikati bħala attività ekonomika ta' natura permanenti eżerċitata sabiex jinkiseb dħul. Għaldaqstant, l-AJFP Sibiu qieset, li, LN kellu jiġi identifikat għall-finijiet tal-VAT mill-10 ta' Lulju 2010 minħabba li l-limitu massimu ta' dħul mill-bejgħ ta' EUR 35 000 li taħtu l-iskema speċjali ta' eżenzjoni, prevista fl-Artikolu 152(1) u (2) tal-Kodiċi tat-Taxxa, kienet applikabbli kien inqabeż.

13 Skont l-AJFP Sibiu, iż-żewġ proprjetajiet immobbli mibjugħa minn LN matul is-sena 2010 ma kinux intużaw b'mod personali, iżda akkwistati bl-għan li jerġgħu jinbiegħu sabiex jinkiseb dħul minnhom.

14 F'dak li jirrigwarda l-bejgħ imwettaq matul is-sena 2011, l-AJFP Sibiu qieset li dan kellu jiġi eżentat mill-VAT, peress li l-kunsinna tal-oġġett korrispondenti saret wara l-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara l-ewwel okkupazzjoni tiegħu. Fir-rigward tal-bejgħ magħmul matul is-sena 2012, l-awtorità fiskali qieset, min-naħa l-oħra, li din it-tranżazzjoni kienet suġġetta għall-VAT.

15 F'dawn iċ-ċirkustanzi, permezz ta' avviż tat-28 ta' Marzu 2016, l-AJFP Sibiu issuġġettat lil LN għal taxxi addizzjonali tal-VAT kif ukoll għal interessi u għal penalitajiet moratorji.

16 L-ilment imressaq minn LN kontra dan l-avviż ta' taxxa ġie miċħud permezz ta' deċiżjoni tad-Direttorat Ġenerali Reġjonali tal-Finanzi Pubbliċi ta' Brasov tat-8 ta' Novembru 2016.

17 LN ippreżenta quddiem it-Tribunalul Sibiu (il-Qorti tal-Kontea ta' Sibiu, ir-Rumanija) rikors kontenzjuż li fil-kuntest tiegħu huwa kkontesta, b'mod partikolari, is-setgħa tal-amministrazzjoni fiskali li tintaxxa persuna fiżika li ma identifikatx ruħha volontarjament għall-VAT u li tikklassifika bħala attività ekonomika tranżazzjonijiet legali ta' bejgħ ta' proprjetajiet immobbli, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

18 It-Tribunalul Sibiu (il-Qorti tal-Kontea ta' Sibiu) laqgħet ir-rikors ippreżentat minn LN. Din il-qorti kkunsidrat, fil-fatt, li attività ekonomika tinsab essenzjalment fil-kisba ta' dħul ta' natura permanenti, b'tali mod li s-sempliċi akkwist u l-bejgħ ta' proprjetà immobbli ma jistgħux jikkostitwixxu fihom infushom attività ekonomika. Barra minn hekk, hija qieset li, f'dan il-każ, il-bejgħ sussegwenti tal-proprjetajiet immobbli akkwistati bl-irkant kien sempliċement modalità li kellu l-konvenut fil-kawża prinċipali sabiex jikseb l-irkupru tas-self li huwa kien ta matul is-sena 2009.

19 L-amministrazzjoni fiskali appellat minn din is-sentenza quddiem il-Curtea de Apel Alba Iulia (il-Qorti tal-Appell ta' Alba Iulia, ir-Rumanija).

20 Skont din il-qorti, tqum il-kwistjoni dwar jekk it-tranżazzjoni legali li permezz tagħha kreditur li jkun ta self b'garanziji ipotekarji fir-rigward ta' immobbli jiġi aġġudikat dawn l-immobbli fil-kuntest ta' proċedura ta' eżekuzzjoni forzata u sussegwentement ibigħhom għandhiex tiġi kklassifikata bħala attività ekonomika, fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, suġġett bħala tali għall-VAT skont l-Artikolu 2(1)(a) ta' din id-direttiva. F'dan il-kuntest, l-imsemmija qorti tistaqsi wkoll dwar jekk il-persuna li wettqet din it-tranżazzjoni legali għandhiex titqies bħala persuna taxxabbli, fis-sens tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tal-imsemmija direttiva.

21 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Curtea de Apel Alba Iulia (il-Qorti tal-Appell ta' Alba Iulia) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 2 tad-[Direttiva tal-VAT] jipprekludi li t-tranżazzjoni li permezz tagħha persuna taxxabbli li, inkwantu kreditriċi, tikseb proprjetà immobbli maqbuda fil-kuntest ta' proċedura ta' eżekuzzjoni forzata u, sussegwentement, tbigħ din il-proprjetà bil-għan li tirkupra l-ammont misluf tiġi kkunsidrata bħala attività ekonomika li tikkonsisti fl-isfruttament ta' proprjetà tanġibbli jew intanġibbli għal skopijiet ta' dħul minnha fuq bażi kontinwa?

2) Il-persuna li tkun wettqet l-imsemmija tranżazzjoni legali tista' titqies bħala persuna taxxabbli fis-sens tal-Artikolu 9 tad-[Direttiva tal-VAT]?"

**Fuq id-domandi preliminari**

22 Permezz taż-żewġ domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(1)(a) u l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-VAT għandhomx jiġu interpretati fis-sens li t-tranżazzjoni li permezz tagħha persuna tingħata proprjetà immobbli maqbuda fil-kuntest ta' proċedura ta' eżekuzzjoni forzata mibdija bil-għan tal-irkupru ta' self mogħti preċedentement u, sussegwentement, tipproċedi għall-bejgħ ta' din il-proprjetà immobbli tikkostitwixxi attività ekonomika, u jekk l-imsemmija persuna għandhiex, abbażi ta' din it-tranżazzjoni, titqies bħala persuna taxxabbli.

23 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li t-tranżazzjonijiet legali inkwistjoni fil-kawża prinċipali kkonsistew fil-bejgħ ta' proprjetajiet immobbli preċedentement aġġudikati lil kreditur-sellief wara proċedura ta' eżekuzzjoni forzata abbażi tal-ipoteki li jiggarantixxu l-kreditu ta' dan tal-aħħar fir-rigward tal-ex proprjetarju tal-proprjetajiet immobbli.

24 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat qabelxejn li, għalkemm id-Direttiva dwar il-VAT tagħti kamp ta' applikazzjoni wiesa' ħafna għall-VAT, huma biss l-attivitajiet ta' natura ekonomika li huma milquta minn din it-taxxa. Għalhekk, skont l-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, dwar it-tranżazzjonijiet taxxabbli, huma suġġetti għall-VAT, minbarra l-importazzjoni ta' oġġetti, l-akkwisti intra-Komunitarji ta' oġġetti, il-kunsinni ta' oġġetti u l-provvista ta' servizzi magħmula bi ħlas ġewwa Stat Membru minn persuna taxxabbli (sentenza tat-2 ta' Ġunju 2016, Lajvér, C-263/15, EU:C:2016:392, punti 20 u 21 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

25 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jsegwi li, f'dan il-kuntest, il-kunċett ta' "persuna taxxabbli" għandu jiġi ddefinit b'rabta ma' dak ta' "attività ekonomika" fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-VAT. Minn dan isegwi li hija l-eżistenza ta' tali attività li tiġġustifika l-klassifika bħala persuna taxxabbli (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-15 ta' Settembru 2011, Słaby *et*, C-180/10 u C-181/10, EU:C:2011:589, punt 43 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata), u din tal-aħħar hija, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva, kull min jeżerċita, b'mod indipendenti u jkun xi jkun il-post, tali attività ekonomika.

26 Il-kunċett ta' "attività ekonomika" huwa ddefinit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva bħala li jiġbor fih l-attivitajiet kollha ta' produtturi, kummerċjanti jew persuni li jagħtu servizz u, b'mod partikolari, "l-isfruttament ta' proprjetà tanġibbli jew intanġibbli għal skopijiet ta' dħul minnha fuq bażi kontinwa".

27 Fir-rigward tal-kunċett ta' "sfruttament", fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, hija ġurisprudenza stabbilita li dan il-kunċett jagħmel riferiment, konformement mar-rekwiżiti tal-prinċipju ta' newtralità tas-sistema komuni tal-VAT, għal kull tranżazzjoni, tkun xi tkun il-forma legali tagħha, intiża sabiex jiġi ġġenerat mill-oġġett inkwistjoni dħul ta' natura permanenti (sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2009, SPÖ Landesorganisation Kärnten, C-267/08, EU:C:2009:619, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-2 ta' Ġunju 2016, Lajvér, C-263/15, EU:C:2016:392, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 Min-naħa l-oħra, is-sempliċi akkwist jew is-sempliċi bejgħ ta' proprjetà ma jistgħux jikkostitwixxu sfruttament ta' proprjetà intiża li tipproduċi dħul ta' natura permanenti fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, peress li l-uniku dħul minn dawn it-tranżazzjonijiet huwa kkostitwit mill-benefiċċju eventwali meta l-imsemmija proprjetà tinbiegħ (sentenza tal-15 ta' Settembru 2011, Słaby *et*, C-180/10 u C-181/10, EU:C:2011:589, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Bl-istess mod, is-sempliċi eżerċizzju tad-dritt għal proprjetà mid-detentur tiegħu ma jistax, fih innifsu, jitqies bħala li jikkostitwixxi attività ekonomika (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Settembru 2011, Słaby *et*, C-180/10 u C-181/10, EU:C:2011:589, punt 36; tad-9 ta' Lulju 2015, Trgovina Prizma, C-331/14, EU:C:2015:456, punt 23, kif ukoll tat-13 ta' Ġunju 2019, IO (VAT – Attività ta' membru ta' kunsill ta' sorveljanza), C-420/18, EU:C:2019:490, punt 29).

30 Minn naħa, fir-rigward tal-kriterji li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk attività tikkostitwixxix attività ekonomika, fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li n-numru u d-daqs tal-bejgħ ma jistgħux jikkostitwixxu kriterju ta' distinzjoni bejn l-attivitajiet ta' operatur li jaġixxi b'mod privat, li jinsabu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, u dawk ta' operatur li t-tranżazzjonijiet

tiegħu jikkostitwixxu attività ekonomika (sentenzi tal-15 ta' Settembru 2011, Słaby, C-180/10 u C-181/10, EU:C:2011:589, punt 37, kif ukoll tas-17 ta' Ottubru 2019, Paulo Nascimento Consulting, C-692/17, EU:C:2019:867, punt 25).

31 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-bejgħ ta' art għall-bini, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ppreċiżat li jikkostitwixxi kriterju ta' evalwazzjoni rilevanti l-fatt li l-persuna kkonċernata ħadet passi attivi ta' kummerċjalizzazzjoni tal-art billi użat mezzi simili għal dawk użati minn produttur, kummerċjant jew persuna li tipprovdi servizzi. Fil-fatt, inizjattivi bħal dawn normalment ma jaqgħux taħt l-iskop tal-ġestjoni tal-assi personali, b'tali mod li t-tranżazzjonijiet li jirriżultaw minn dan ma jistgħux jitqiesu li huma s-sempliċi eżerċizzju ta' dritt għall-proprjetà (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Lulju 2015, Trgovina Prizma, C-331/14, EU:C:2015:456, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata). Tali inizjattivi jaqgħu pjuttost fil-kuntest ta' attività eżerċitata bl-għan li jinkiseb dħul minnha ta' natura permanenti u għalhekk tista' tiġi kklassifikata bħala ekonomika.

32 Huwa fid-dawl ta' dawn l-elementi li għandu jiġi ddeterminat jekk it-tranżazzjoni legali li permezz tagħha kreditur li jkun ta self b'garanziji ipotekarji li jirrigwardaw immobbli u li dawn l-immobbli ngħataw lilu fil-kuntest ta' proċedura ta' eżekuzzjoni forzata jipproċedi, wara terminu ddeterminat, għall-bejgħ tagħhom tikkostitwixxix attività ekonomika, fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, jew jekk din taqax sempliċement taħt l-eżerċizzju tad-dritt ta' proprjetà mill-proprjetarju tagħha.

33 F'dan il-każ, mill-indikazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju jsegwi li l-konvenut fil-kawża prinċipali, matul is-sena 2009, ta diversi self lill-istess persuna fiżika b'garanziji ipotekarji fuq immobbli u li, peress li dan is-self ma ġiex irrimborsat, tlieta minn dawn l-immobbli ġew aġġudikati lill-kreditur fil-kuntest ta' proċedura ta' rkant li seħħet matul din l-istess sena 2009. Sussegwentement, il-kreditur ipproċeda għall-bejgħ ta' dawn it-tliet proprjetajiet immobbli matul is-snin 2010 sa 2012.

34 Mill-informazzjoni li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll li, fl-ewwel lok, it-tranżazzjonijiet legali inkwistjoni fil-kawża prinċipali twettqu mill-konvenut fil-kawża prinċipali bl-għan tal-kostituzzjoni mill-ġdid tal-assi tiegħu u għall-irkupru tal-krediti tiegħu, wara n-nuqqas ta' rimbors tas-self mogħti. Fit-tieni lok, bl-għan tal-irkupru tad-dejn tiegħu u tar-rikostituzzjoni tal-assi, il-konvenut fil-kawża prinċipali ma ħax passi attivi ta' kummerċjalizzazzjoni tal-art u, b'mod partikolari, ma użax mezzi simili għal dawk użati minn produttur, kummerċjant jew persuna li tipprovdi servizzi fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-VAT.

35 Issa, bla ħsara għall-verifika min-naħa tal-qorti tar-rinviju, dawn iċ-ċirkustanzi jidhru li jistabbilixxu li l-bejgħ tal-proprjetajiet immobbli inkwistjoni fil-kawża prinċipali rrilevaw fir-realtà s-sempliċi eżerċizzju tad-dritt ta' proprjetà kif ukoll tal-ġestjoni tajba tal-assi privati, u, konsegwentement, ma jidħlux fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' attività ekonomika.

36 Bl-istess mod, ebda wieħed mill-elementi l-oħra kkomunikati mill-qorti tar-rinviju ma huwa ta' natura li juri n-natura ekonomika, fis-sens tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, tal-attività mwettqa mill-konvenut fil-kawża prinċipali.

37 Għaldaqstant, ma tistax tintlaqa' l-pożizzjoni tal-Gvern Rumen, li ċ-ċirkustanza li l-konvenut fil-kawża prinċipali ppreżenta ruħu huwa stess fil-proċedura ta' rkant u akkwista, fil-kuntest ta' din il-proċedura, il-proprjetajiet immobbli koperti mill-garanziji ipotekarji, mingħajr ma jistenna l-irkupru tas-somom mislufa permezz tal-eżekuzzjoni forzata tal-garanziji tad-debitur tiegħu, jikkonferma li kien hemm sfruttament ta' proprjetà tanġibbli sabiex jinkiseb dħul minnha ta' natura permanenti u, konsegwentement, il-konvenut fil-kawża prinċipali għandu jiġi kklassifikat bħala persuna suġġetta għall-VAT.

38 Fil-fatt, din l-aħħar ċirkustanza tidher pjuttost ta' natura li tistabbilixxi li l-bejgħ tal-proprjetajiet immobbli inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari ta' dawn it-tranżazzjonijiet, kif esposti fil-punti preċedenti ta' din is-sentenza, jaqa' fil-kuntest tal-ġestjoni tal-assi personali tal-konvenut fil-kawża prinċipali.

39 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tranżazzjonijiet legali mwettqa mill-konvenut għandhom jiġu kkunsidrati bħala li jaqgħu taħt il-ġestjoni ta' assi privati peress li, kif jirriżulta mill-informazzjoni li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja u li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, l-ewwel nett, il-persuna kkonċernata kellha bħala għan l-irkupru tal-krediti tagħha u l-kostituzzjoni mill-ġdid tal-patrimonju tagħha u li, it-tieni nett, hija ma ħaditx passi attivi ta' kummerċjalizzazzjoni tal-artijiet. Minn dan isegwi li l-persuna kkonċernata ma tistax titqies li hija suġġetta għall-VAT, fis-sens tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, fir-rigward tal-bejgħ tal-proprjetajiet immobbli inkwistjoni fil-kawża prinċipali, b'tali mod li dawn it-tranżazzjonijiet ma kellhomx ikunu suġġetti għall-imsemmija taxxa.

40 Għal kull bon fini, għandu jiġi ppreċiżat li t-tilwima fil-kawża prinċipali kif esposta mill-qorti tar-rinviju kif ukoll id-domandi preliminari tagħha ma jirrigwardawx bejgħ immobiljari meqjus bħala estensjoni diretta ta' attività ekonomika ta' għoti ta' self li tkun eżerċitata minn LN.

41 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 2(1)(a) u l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-VAT għandhom jiġu interpretati fis-sens li t-tranżazzjoni li permezz tagħha persuna tiġi aġġudikata proprjetà immobbli maqbuda fil-kuntest ta' proċedura ta' eżekuzzjoni forzata mibdija bl-għan tal-irkupru ta' self mogħti preċedentement u, sussegwentement, tipproċedi għall-bejgħ ta' din il-proprjetà immobbli ma tikkostitwixxix, fiha nnifisha, attività ekonomika, meta din it-tranżazzjoni taqa' taħt is-sempliċi eżerċizzju tad-dritt ta' proprjetà, kif ukoll tal-ġestjoni tajba tal-assi privati, b'tali mod li l-imsemmija persuna ma tistax, taħt l-imsemmija tranżazzjoni, titqies bħala persuna taxxabbli.

**Fuq l-ispejjeż**

42 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 2(1)(a) u l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li t-tranżazzjoni li permezz tagħha persuna tiġi aġġudikata proprjetà immobbli maqbuda fil-kuntest ta' proċedura ta' eżekuzzjoni forzata mibdija bl-għan tal-irkupru ta' self mogħti preċedentement u, sussegwentement, tipproċedi għall-bejgħ ta' din il-proprjetà immobbli ma tikkostitwixxix, fiha nnifisha, attività ekonomika meta din it-tranżazzjoni taqa' taħt is-sempliċi eżerċizzju tad-dritt ta' proprjetà, kif ukoll tal-ġestjoni tajba tal-assi privati, b'tali mod li l-imsemmija persuna ma tistax, taħt l-imsemmija tranżazzjoni, titqies bħala persuna taxxabbli.**

Firem